KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 66

**Il-Ħamis 28 ta' Diċembru 2023**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fis-Sala tal-Kunsill fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Kyle Mifsud – Sindku
Marika Sammut Dimech – Viċi Sindku
Christianne Mifsud – Kunsillier
Simon Paul Fenech – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Dott. Daniel John Attard – Kunsillier (marid)

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

## 66.1 Qari tal-Apoloġiji

66.1.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni mingħand il-Kunsillier Dr Attard minħabba li kien marid.

## 66.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

66.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

66.2.2 l-minuti tas-seduti numru 65 ġew approvati b'mod unanimu u ġew iffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 66.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

66.3.1 Is-Sindku informa li l-amministrazzjoni tal-kunsill kienet daħħlet ittra ta' oġġezzjoni dwar il-padiljun tal-isport, liema applikazzjoni ġiet sottomessa lill-Awtorità tal-Ippjanar mill-iskola tal-isport tad-Depiro.

66.3.2 Is-Sindku informa li hu u s-SE kienu ltaqgħu ma' rappreżentanza tagħhom u kienu kkonfermaw li għandhom titlu fuq l-art ta' bejn il-Club House u l-Gym. Min-naħa tagħhom kienu talbu biex kemm-il darba jsir il-proġett minn Project Green kif maħsub, il-passaġġ għandu jiġi dritt flok mgħawweġ u jkun hemm aċċess għal vettura b'emerġenza.

66.3.3 Rigward il-bosk, is-Sindku informa li ġie kkalkulat il-kobor tal-fencing u se jinxtara biex jitwaħħal fil-post mill-ħaddiema ta' PG.

66.3.4 Is-Sindku informa li kienet avviċinatu entità governattiva biex jagħmlu xi dawl fuq arbli li jitħaddmu b'sistema solari. Huwa kien immarkalhom fejn nixtiequ li jitwaħħlu dawn l-arbli.

66.3.5 Kien hemm qbil li s-SE għandha tara s-sitwazzjoni taż-żona ta' fuq wara ta' Triq Gregorio Carafa biex nassiguraw jekk hijiex sempliċiment kwistjoni ta' qtugħ ta' ħaxix inkella hemmx bżonn ta' żbir ta' siġar ukoll.

## 66.4 *Update* dwar l-Offerti tal-Ġbir ta' Skart Goff u tas-*Soft Areas*

66.4.1 Is-SE infurmat li kienu nfetħu l-offerti u kien hemm numru ta' offerenti għaż-żewġ *tenders*. Hija infurmat li matul ix-xahar ta' Jannar 2024 kien se jibda l-proċess tal-evalwazzjoni tagħhom.

66.4.2 Sadanittant staqsiet lis-Sindku dwar is-servizz tal-knis. Huwa informa li għadu qed jiġri wara Clean Malta biex jinfurmawh jekk jistgħux jibdew jagħtu servizz lill-Kunsill Lokali.

## 66.5 Impjieg ta’ Skrivan/a Ġdid/a

66.5.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet xi applikazzjonijiet però jidhru li ma jikkwalifikawx għal din il-vakanza. Kien hemm ukoll żewġ applikazzjonijiet li waslu wara d-data tal-iskadenza u għaldaqstant ma setgħetx tikkunsidrahom.

66.5.2 Hija infurmat li kienet se terġa’ tippubblika l-avviż fuq facebook. Kemm-il darba ma kinitx se tirċievi aktar applikazzjonijiet validi, is-SE talbet li l-Kunsill japprova li minflok skrivan, il-Kunsill japprova l-ingaġġ ta’ *Council Assistant* fuq bażi *full time*. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u għaldaqstant is-SE kienet se tmexxi b’ingaġġ għal *Council Assistant*.

66.5.3 Sadanittant talbet ukoll biex b’mod immedjat toħroġ sejħa għal Uffiċjal Eżekuttiv fuq bażi *part time*. Il-Kunsill approva.

## 66.6 *Update* dwar iċ-Ċentru tal-Interpretazzjoni u l-Arloġġ

66.6.1 Is-SE infurmat li għalkemm kien ingħata *deadline* ġdida tal-15 ta’ Diċembru kien għad fadal xi xogħlijiet (snags), għalkemm mhux kbar ħafna, li kienu għadhom ma tlestewx. Hija infurmat lill-Kunsill li kienet talbet direzzjoni min-naħa tal-avukat tal-Kunsill sabiex tivverifika hux possibbli li tiġi mitluba l-*performance* guarantee minflok tiġi rilaxxata lura minħabba li l-kuntrattur ma kienx lesta kollox. Min-naħa tal-Avukat tal-Kunsill kien irrisponda li l-Kunsill huwa fid-dritta li jitlob li din tingħata lill-Kunsill ladarba l-kuntrattur kien ingħata diversi dati u dan baqa’ ma lestiex ix-xogħlijiet kollha. Il-Kunsill qabel li s-SE għandha titlob lill-bank biex jingħata l-flus ta’ din il-garanzija.

66.6.2 Sadanittant, is-SE infurmat li x-xogħlijiet maġġuri fuq l-isnag list kienu jinkludu li jinbidlu żewġ ħġiġiet li kienu xxaqqu waqt il-proċess tat-twaħħil, isir il-*polishing* ma’ ġewwa kollu, isir l-*acid wash* mad-dawra ta’ barra, jinqala’ l-madum u jsir mill-ġdid fil-kmamar tal-banju għaliex id-diżlivell ġie bil-kontra ta’ kif suppost. Hemm partijiet li jridu jiġu llivellati aħjar minn barra minħabba li qed iżomm l-ilma.

66.6.3 Sadanittant infurmat li kienet intbagħtet ittra lill-Bank of Valletta sabiex hi setgħet tagħmel pagament ta’ darba li jmur oltre mid-*daily limit* mill-fondi tal-Kunsill. Dan l-ammont kien ikopri parti mill-kont tal-Finishes u l-ħlas kien dovut lill-MEAE biex ikunu jistgħu jkopru l-pagament kollu tal-offerta min-naħa tagħhom. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni

66.6.4 Is-SE infurmat ukoll li min-naħa tal-Managing Authority ma kinux aċċettaw ir-raġunijiet tal-Kunsill għal numru ta’ varjazzjonijiet li saru matul ix-xogħlijiet, u għaldaqstant dawn ma kinux ġew approvati biex jitħallsu mill-fondi tal-UE. Hija infurmat li min-naħa tagħhom kellhom laqgħa fil-preżenza tal-periti tal-Kunsill fejn talbu li jingħataw rapport dettaljat bir-raġunijiet għalfejn saru dawn it-tibdiliet. Min-naħa tal-periti spjegaw li dawn it-tibdiliet kienu saru minħabba *architectural reasons* u ma setgħux jaħsbu fihom minn qabel. Għaldaqstant il-Periti se jkunu qed jgħaddulha rapport dettaljat dwar dawn ir-raġunijiet biex il-Kunsill ikun jista’ jappella din id-deċiżjoni.

66.6.5 Hija infurmat li hekk kif jgħaddulha dan ir-rapport kienet se tieħu ħsieb tgħaddih lill-Managing Authority u titlob rifużjoni tal-fondi.

## 66.7 Allokazzjoni finanzjarja għall-2024

66.7.1 Is-SE infurmat li l-Kunsill kien irċieva l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena d-dieħla. L-ammont kien ta' €343,305.

66.7.2 Hija infurmat li għalkemm kien hemm żieda żgħira, il-Kunsill xorta waħda kellu joqgħod ferm attent minħabba li s-servizzi kienu għolew ħafna u din is-sena kien se jkun hemm ukoll tibdil f'numru ta' offerti li ovvjament kienu se jaffetwaw ukoll il-baġit tal-Kunsill.

## 66.8 Approvazzjoni tal-Baġit 2024

66.8.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja tal-baġit permezz tal-*email*.

66.8.2 Is-SE tat spjega ħafifa tal-baġit għas-sena d-dieħla.

66.8.3 Il-Kunsill approva l-baġit hekk kif preżentat.

66.8.4 Hawnhekk is-SE ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li għax-xahar ta' Diċembru jew Jannar, għandha ssir laqgħa annwali għar-residenti fejn jiġi spjegat il-baġit. Il-Kunsill qabel li għandha ssir eżatt wara l-laqgħa li jmiss.

## 66.9 Punti Oħra

66.9.1 Dwar iċ-ċint li kien twaqqa' minn terzi fi Triq San David, is-SE infurmat li kienet se terġa' tibgħat tfakkira lill-Pulizija tar-Rabat.

66.9.2 Kien hemm diskussjoni dwar il-ħruġ/dħul ta' vetturi bejn Triq l-Istazzjon u Triq l-Imtarfa. Kien hemm qbil li jsir rinfreskar taż-żebgħa f'din l-akwata u jitwaħħlu wkoll żewġ bollards biex ikun hemm diviżjoni tat-traffiku.

66.9.3 Kien hemm qbil li ssir *team building activity* u wara l-ikla tal-Kunsill mal-istaff kollu nhar il-5 ta' Jannar 2024.

66.9.4 Kien hemm qbil li s-SE għandha tkellem lill-kuntrattur li jieħu ħsieb it-tindif tal-latrini minħabba li issa l-Kunsill għandu *cleaner.*

66.9.5 Is-SE infurmat li fil-ġimgħa li tibda t-Tnejn 11 ta' Marzu se jkun għaddej l-audit.

## 66.09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

66.09.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 012/2023), kopja tagħha mehmuża.

66.09.2 Il-Kunsillier Mifsud propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Sammut Dimech issekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 66.10 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

66.10.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7:15pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 24 ta' Jannar fil-5:00pm.

Konfermati, illum il- Erbgħa 24 ta' Jannar 2024.

| | |
|---|---|
| Kyle Mifsud | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |